StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

# IL-ĦAMES SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) IL-ĦIN: Siegħa u tliet kwarti

**L-Isem: ____________________________________ Il-Klassi: ______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha TLIET Taqsimiet (A, B u C). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin fuq karta separata:**

"Fil-21 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza Spanjola nidew is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali. Din is-Sena Ewropea għandha l-għan li tqajjem aktar kuxjenza tal-kawżi u l-konsegwenzi tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-Ewropa, kemm fost il-gvernijiet u s-sħab soċjali u kemm fost il-pubbliku. Għandha wkoll l-għan li timmobilizza lil dawn fil-ġlieda kontra l-faqar; issaħħaħ l-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali u tinkoraġġixxi impenn ċar għat-tfassil ta' 'policies', sabiex jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali kemm fuq livell komunitarju u kemm fuq livell nazzjonali.

Għaxar snin ilu mexxejja Ewropej wiegħdu li sas-sena 2010 jeliminaw il-faqar bħala objettiv għat-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol - l-hekk imsejħa, Strateġija ta' Liżbona. Imma dan ma seħħx. Hu ttamat li s-Sena Ewropea għall-ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali sservi sabiex iżżomm ħajja din il-ġlieda sakemm jintlaħaq l-objettiv mixtieq.

Fuq il-livell ta' Unjoni Ewropea, il-metodi u l-istrateġiji kif wieħed jiġġieled kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali huma mħollija għall-Istati Membri individwalment. Li tagħmel l-Unjoni huwa li tipprova tiġġenera aktar kuxjenza, tagħrif u skambju ta' strateġiji u esperjenzi bejn l-Istati Membri dwar kif tista' tiġi indirizzata l-problema tal-faqar u l-esklużjoni soċjali."

*Meħud minn diskors tal-President ta' Malta fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tas-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, 3 ta' Frar 2010*

**Mistoqsijiet:**

1. X'nifhmu b'faqar u esklużjoni soċjali? Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' faqar u **ŻEWĠ** eżempji ta' esklużjoni soċjali biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek. (8)
2. Liema huma l-persuni li jistgħu jaqgħu f'riskju ta' faqar? Agħti **ŻEWĠ** eżempji. (4)
3. Fisser **integrazzjoni soċjali** u agħti **ŻEWĠ** eżempji. (4)
4. "Il-faqar hu abbinat ma' forma ta' esklużjoni soċjali". Kif tista' tiġi indirizzata din il-problema f'Malta? Agħti **ERBA'** eżempji. (4)
5. "Il-problema tal-faqar u l-esklużjoni soċjali hija, fil-fehma tiegħi, waħda ta' ġustizzja soċjali." Fisser ġustizzja soċjali u agħti **ŻEWĠ** eżempji biex issaħħaħ it-tifsira tiegħek. (4)
6. Fil-fehma tiegħek x'jista' jsir biex tiġi indirizzata l-problema ta' faqar u esklużjoni globalment? (5)
7. Semmi **TLIET** għaqdiet nazzjonali li qed isaħħu l-inklużjoni soċjali. (6)

**(35 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA li fuq karta separata:**

"It-tfassil ta' Strateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli ġie stabbilit għall-ewwel darba wara l- Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp (UNCED), meta l-Gvern Malti, flimkien mal-gvernijiet ta' nazzjonijiet oħra, impenja ruħu li jaddotta strateġija bħal din sabiex "jibni u jgħaqqad id-diversi *policies* u pjanijiet settorjali, ekonomiċi, soċjali u ambjentali li huma mħaddna fil-pajjiż" u biex "tiżgura żvilupp ekonomiku, soċjali u responsabbli filwaqt li tipproteġi r-riżorsi u l-ambjent għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet futuri." Il-Gvernijiet qablu wkoll li l-istrateġija għandha tiġi "żviluppata b'parteċipazzjoni wiesgħa" u li għandha tkun "bbażata fuq evalwazzjoni bir-reqqa tas-sitwazzjoni u inizjattivi attwali" (l-Aġenda 21, Kapitlu 8, paragrafu 8.7). F'Settembru 2000, madwar 150 Kap ta' Stat, fosthom Malta, iffirmaw id-Dikjarazzjoni tal-Millennju u reġgħu tennew l-appoġġ tagħhom għall-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli u l-Aġenda 21. Huma qablu wkoll dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, inkluż il-ħtieġa li "nintegraw il-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli fil-politika u l-programmi tal-pajjiż u nreġġgħu lura t-telf tar-riżorsi ambjentali" (Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, Għan 7.12)."

*Meħud mill-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-Gżejjer Maltin 2007-2016*

**Mistoqsijiet:**

1. Fisser il-kunċetti li ġejjin: **żvilupp sostenibbli** u **żvilupp ekonomiku**. (6)
2. Kif jistgħu l-gvernijiet iħarsu l-ambjent tal-pajjiż? Spjega fid-dettall. (5)
3. "L-iżvilupp qed jagħmel il-ħajja aktar komda imma jista' jkun għadu tal-ambjent naturali". Spjega kif permezz tal-iżvilupp qed nagħmlu ħsara lill-ambjent naturali. (5)
4. Semmi **ĦAMES** modi kif iċ-ċittadin jista' jgħin biex ma ssirx ħsara ambjentali. (5)
5. Xi tfisser **tisħin globali** (*global warming*)? Għaliex qed iseħħ dan il-fenomenu? (6)
6. Semmi **TLIET** pajjiżi fost il-150 pajjiż li ffirmaw id-Dikjarazzjoni tal-Millennju. (3)
7. Semmi **ĦAMES** għaqdiet li jaħdmu favur l-ambjent. (5)

**(35 marka)**

**Taqsima C: Agħżel WAĦDA mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 250-280 kelma dwarha fuq karta separata:**

1. "Skont ir-rapport li ħareġ fl-2007 il-World Economic Forum jgħid li Malta hi agħar miċ-Ċina u l-Albanija fejn tidħol l-inugwaljanza bejn is-sessi. Xi tfisser il-frażi **inugwaljanza bejn is-sessi** u kkumenta dwar erba' miżuri li s-soċjetà trid tieħu biex tassigura aktar ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

2. Iddiskuti fit-tul x'inhi **mobbiltà soċjali** u agħti eżempji ta' kif din tista' sseħħ.

3. "Fl-ekonomija jeżistu **TLIET** sistemi differenti: is-sistema ħielsa, is-sistema ċentralizzata u dik imħallta". Iddiskuti.

4. "Id-dibattitu dwar l-iżvilupp jirrigwarda kemm 'il-pajjiżi sinjuri u żviluppati kif ukoll lil dawk foqra. Dan ġab miegħu l-firda bejn in-Nord u s-Sud." Fisser il-firda bejn in-Nord u S-Sud u ddiskuti fit-tul kif pajjiżi żviluppati jistgħu jgħinu l-iżvilupp ta' pajjiżi fqar.

**(30 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers